MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 698/2011/2

**Lombard Bank Malta plc**
**vs**
**Venues Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat iz-zewg rikorsi pprezentati mis-socjeta’ Venues Company Limited sabiex tigi sospiza s-Subbasta numru 35/2011 u inoltre jigi revokat contrario imperio d-digriet taghha tat-18 ta’ Mejju 2011 fejn giet addottata l-istima tal-perit Edgar Caruana Montaldo ghal finijiet ta’ din is-subbasta, liema stima kienet inizjalment saret ghal finijiet tas-Subbasta 88/2009 liema subbasta giet dikjarata nulla mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Abela et vs Ronald Cordina et moghtija fl-24 ta’ Frar 2011;

Rat ir-risposta ta’ Lombard Bank u tal-partijiet interessati cioe Ronald Cordina u tal-Kummissarju tal-VAT, kredituri f’din is-subbasta;

Semghet ix-xiehda ta' Anthony Abela, direttur ta' Venues Company Limited u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2011.

**Ikkunsidrat**
L-ilmenti mressqa mis-socjeta' Venues Company Limited huma s-segwenti:

1. Nullita tal-ittra ufficjali maghmula min Lombard Bank kontra Venues Company Limited datata 14 ta' April 2010 peress illi ma gietx notifikata skond il-ligi

Is-socjeta' Venues Company Limited qed tattakka l-ittra ufficjali li rrendiet ezegwibbli l-kreditu taghha u li permezz taghha nbdew il-proceduri ta' Subbasta 35/2011. Ghal precizjoni din hi l-istess ittra ufficjali li ntuzat ghal finijiet tas-Subbasta numru 88/2009.

Ir-riferta tal-ittra ufficjali tindika illi l-ittra ufficjali giet notifikata f'Villa Madama, Triq Birbal, Balzan, liema inidrizz hu l-ufficju registrat tal-kumpanija Venues Company Limited u dan kif gie verbalizzat mid-difensur tal-kumpanija fis-seduta tallum stess. Il-persuna li hadet l-att hu certu Michael Vella. Id-direttur Anthony Abela fix-xhieda tieghu sostna li hu ma kienx jaf b'din l-ittra ufficjali hlief dan l-ahhar meta receva d-data tas-subbasta u illi dan Michael Vella mhux impjegat jew dirigent tal-kumpanija izda habib tat-tfal tieghu li gieli kien f'Villa Madama li hu stabbiliment miftuh ghal pubbliku. Michael Vella qatt ma ghaddhielu dan id-dokument gudizjarju.

Il-Qorti tirrileva illi l-artikolu 187(4) tal-Kapitaolu 12 ighid b'mod car illi notifika ta' att gudizjarju lil socjeta' b'personalita distinta ssir billi tithalla kopja tieghu fl-ufficju registrat ... <u>jew</u> ma' impjegat tal-istess socjeta'. Il-ligi ma timponix illi tali att irid jithalla ma' impjegat jew dirigent izda li tithalla fl-ufficju registrat. Hu d-dmir tas-socjeta' li tiehu dawk il-passi biex tassigura ruhha li f'tali ufficju registrat ikun hemm mezzi idonej biex jigi accertat ir-recezzjoni ta' atti/dokumenti. L-obbligu tal-ufficjal tal-Qorti hu biss li jhalli l-atti fl-ufficju registrat ma persuna li taccettah u tindika l-identita taghha. Kull ilment dwar xi

nuqqas tal-persuna accetanti li naqset li tinforma lis-socjeta' ghandu jigi indirizzat bejniethom u mhux mal-persuna li tkun harget l-att b'konformita mal-ligi cioe l-obbligu li n-notifika ssir fl-ufficju registrat. Il-ligi stess hi cara u f'kaz ta' socjeta' b'personalita distinta n-notifika tista' ssir b'diversi modi pero b'mod alternattiv mhux kumulattiv.

Ghalhekk dan l-ilment ma jistax jirnexxi. Il-Qorti pero tirravisa illi din l-istess ittra ufficjali intuzat fil-proceduri tas-Subbasta 88/2009 u ghalkemm dawn il-proceduri gew dikjarati nulli, pero r-raguni ma kienitx in-nuqqas ta' notifika u l-istess socjeta' rikorenti qatt ma qajmet xi lment dwarha u ppartecipat f'dawk l-atti bi proceduri biex iwaqqfu l-kompletazzjoni tas-subbasta.

2. Ilment dwar l-ammissibilita tal-istima tal-perit Carana Montaldo f'dawn il-proceduri

Is-socjeta' Venues Company Limited qed tilmenta wkoll illi ladarba l-proceduri tas-Subbasta 88/2009 gew dikjarati nulli, allura l-istima peritali maghmula fuq ordni tal-Qorti f'dawk il-proceduri huma wkoll nulli u ma jistghax jintuzaw f'din is-subbasta.

Din il-Qorti ma taqbilx ma tali lment. Hu minnu illi s-Subbasta 88/2009 giet dikjarata nulla b'sentenza tal-24 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Anthony Vella et vs Ronald Aquilina et. Hu minnu wkoll illi l-istima kienet tifforma parti minn dawk l-atti. Din il-Qorti b'digriet taghha tat-18 ta' Mejju 2011 kienet ordnat li l-istima tal-perit Caruana Montaldo mahlufa fl-4 ta' Gunju 2010 ghandha tigi uzata ghal din is-subbasta billi tali stima keinet tirrigwarda l-istess proprjeta, u saret recentement fuq ordni tal-Qorti. Dak li ghamlet din il-Qorti kien li estrapolat stima peritali mhux ex parte u applikat l-artikolu 315(1) tal-Kap. 12 b'mod li gie sodisfatt il-kontenut ta' dak l-artikolu u l-artikolu 308(1) b'tali mod li din l-istima issa saret tifforma parti minn dawn l-atti. Hu minnu illi l-bejgh bis-subbasta fl-atti 88/2009 gie dikjarat null pero b'daqshekk ma jfissirx li kull dokument jitqies inezistenti sakemm tali nullita ma kienitx diretta lejn id-dokument innifsu.

3. Ilment dwar il-valur tal-istima tal-perit Caruana Montaldo

Is-socjeta' Venues Company Limited pprezentat ai termini tal-artikolu 307(1) tal-Kapitolu 12, stima ex parte tal-perit Valerio Schembri fejn kien indikat valur tal-proprjeta in kwistjoni li jisboq bil-kbir dak maghmul mill-perit Caruana Montaldo. Din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rappport billi tali stima ex parte skond l-artikolu citat kellha tkun mahlufa fl-ghoxrin gurnata moghtija mill-ligi biex issir tali kontro stima. Dan ma jidhirx li sar u ghalhekk qed jigi michud anki dan l-ilment.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tichad il-talbiet ta-socjeta' Venues Company Limited sabiex is-Subbasta 35/2001 tigi sospiza kif ukoll tichad it-talba li jigi revokat contrario imperio d-digriet taghha tat-18 ta' Mejju 2011 fejn ordnat li tigi addottata l-istima tal-perit Caruana Montaldo ghal fini ta' valutazzjoni f'din is-subbasta. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------